# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' GUNJU 2001

**Avviz Nru 492/98DM**

**Mark u Josette konjugi Cini**

**Vs**

**Carmel Cutajar**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' mija u sebghin Lira Maltin (Lm170), rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom tal-marka 'Opel' bin-numru tar-registrazzjoni E 6569 meta nhar il-15 ta' Settembru 1994 f'Zejtun Road – Marsaxlokk, il-konvenut bi traskuragni u imprudenza fis-sewqan tieghu dahal bil-vettura tieghu li ghandha n-numru tar-registrazzjoni J 5601 fuq il-vettura tal-atturi u kkagunalhom id-danni hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta’ Lulju 1996 inkluzi l-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Carmel Cutajar fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta’ Boris Cini li kien qed isuq il-vettura tal-atturi

2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Marzu 2000 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilta’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-kollizzjoni grat meta l-vettura tal-attur kienet ghadha kif harget minn go triq laterali ghal go Zejtun Road, it-triq principali, u dak il-hin il-konvenut, provenjenti minn-naha tax-xelluq tal-vettura tal-attur, kien qed jaqla vetturi ohra u kien qabez il-'crown of the road' tat-triq principali.

Billi jirrizulta mill-provi li Zejtun Road m'ghandiex marki li jiddividu l-karreggjati ghat-traffiku li jkun qed isuq f'direzzjonijiet opposti, il-konvenut ma kienx prekluz milli jissorpassa dawk il-vetturi quddiemu li kienu qed jostakolawlhu s-sewqan tieghu u kien awtorizzat, fl-interess tas-sigurta' u sewqan prudenti li jghamel uzu mit-triq kollha tieghu wara li jkun accerta ruhhu li ma kienx ser jostakola xi traffiku li seta kien gej mid-direzzjoni opposta.

Izda, stante li l-konvenut kien qed javvicina l-isbokk ta triq laterali huwa kellhu obbligu ulterjuri dettat mill-prudenza li jikkunsidra ukoll il-possibilita' ta traffiku provenjenti mit-triq laterali u ghalhekk ma jutilizzax kompletament il-wisgha kollha tat-triq f'dik il-parti.

Min-naha l-ohra, Boris Cini, is-sewwieq tal-vettura tal-attur, kien obbligat li, qabel ma jidhol fit-triq principali, jieqaf, jesplora sew ***iz-zewg nahat*** tat-triq li ried jidhol fiha u jipprocedi biss ghal got-triq principali meta jkun zgur li ma kien ser jostakola ebda

vettura li dak il-hin kienet qed tuza xi naha tat-triq principali.

Dan l-obbligu ta Cini kien iktar enfasizzat mill-fatt li l-vettura li kien qed isuq kienet ‘left-hand-drive’ u billi ried idur lejn ix-xellug il-viswali tieghu kienet ristretta.

Ghalhekk l-oneru tal-prova biex jesimi ruhhu mir-responsabilita huwa fuq is-sewwieq Cini.

Minn-naha tieghu dan jallega li l-konvenut beda l-manuvra tieghu ta sorpass meta huwa kien digia’ lahaq ha posthu fit-triq principali u ghalhekk jekk dan jigi ppruvat ikun il-konvenut li jkun naqas li jesplora sew it-triq qabel il-manuvra decisa.

Izda kemm mill-isketch, kif ukoll mid-deposizzjoni ta Josette Cini li, riekba ma binha fuq il-lemin ta quddiem u b’viswali ahjar minn tas-sewwieq, rat lill-konvenut l-ewwel darba meta kien “*ftit iktar mit-tul tal-Awla l-boghod”* u meta kien qed jaqla vettura ohra. Evidentement billi Zejtun Road toffri viswali tajba u ghat-tul, Cini lemhet lill-konvenut ma’l-ewwel opportunita’ ghalhekk meta il-vettura ta binha sbokkat fit-triq principali.

Stante l-vicinanza u billi giet ukoll allegata velocita' eccesiva tal-konvenut, jirrizulta li habta grat fi frazzjoni ta sekonda minn meta Josephine Cini rat lill-konvenut.

Dan kollhu jikkontradixxi dak li allegat minn Boris Cini li stqarr li kien lahaq mexa madwar hames metri fit-triq principali.

Ghalhekk issib li hija biss il-verzjoni tal-konvenut li hija attendibbli u li konsegwentement kien l-istess konvenut li, bhala 'main road user' gie ostakolat fil-manuvra ta sorpass tieghu minn Boris Cini li, minn-naha tieghu, bhala sewwieq ta vettura 'left-hand drive' ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel ma sbokka gewwa t-triq principali.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.

Civil 25